## ORDNI TAL-PRESIDENT

## tas-7 ta' Ottubru 2015

## fil-Kawżi Konġunti E-8/15 u E-9/15,

## Financial Services and Compensation Scheme Limited kontra The Depositors' and Investors' Guarantee Fund kif ukoll De Nederlandsche Bank N.V. kontra The Depositors' and Investors' Guarantee Fund

(2016/C 457/09)

Talba lill-Qorti minn *Héraðsdómur Reykjavíkur* (Reykjavík District Court) għal Opinjonijiet Konsultattivi skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja, il-President tal-Qorti ħareġ Ordni fis-7 ta' Ottubru 2015, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

Il-Kawżi Konġunti E-8/15 u E-9/15 huma mneħħija mir-Reġistru.

## Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA minn Fürstliches Obergericht, il-Liechtenstein, datata l-25 ta' Settembru 2015, fil-Kawża ta' Walter Waller v Liechtensteinische Invalidenversicherung

## (Il-Kawża E-24/15)

(2016/C 457/10)

Permezz ta' ittra tal-25 ta' Settembru 2015 saret talba għal Opinjoni Konsultattiva minn Fürstliches Obergericht, Liechtenstein (il-Qorti tal-Appell tal-Prinċipat ta' Liechtenstein), lill-Qorti tal-EFTA, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fl-1 ta' Ottubru 2015, fil-Kawża ta' Walter Waller v Liechtensteinische Invalidenversicherung, dwar id-domandi li ġejjin:

1. Il-fatt li, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 87(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, l-istituzzjoni debitriċi għandha tkun marbuta mas-sejbiet tal-istituzzjoni tal-post ta' żjara jew ta' residenza tipprekludi l-istituzzjoni debitriċi milli tikkontesta dawn il-konstatazzjonijiet — u b'hekk it-tagħrif imsemmi f'rapport mediku dettaljat ipprovdut fil-formola E 213 — fil-proċedura tagħha?

2. Jekk ir-risposta għall-ewwel mistoqsija hija pożittiva: Dan l-effett vinkolanti japplika wkoll fi proċedimenti tal-qorti li, skont ir-regoli proċedurali nazzjonali, isegwu mill-proċedimenti quddiem istituzzjoni debitriċi?